MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Numru 46/2004

Il-Pulizija
(Sp Yvette Farrugia)
vs
Ivan Camilleri, iben Joseph,
imwieled Pieta' fil-25 ta'
novembru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'Raħal Ġdid, fl-4 ta' settembru, 2003 għal ħabta tat-3.15 a.m. iddenunzja lill-pulizija eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' frar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 110 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u il-fedina penali tiegħu. Ma tikkunnahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------